A.L. 153 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 17)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 17). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Diċembru, 1989. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) Id-dar bin-numru 139, Triq Salvu Psaila, Birkirkara (Rural Tenement No. 82086).

(2) Flat numru 6, Bieb A, Blokk F, Fuq Tal-Ħawli, Cospicua/Vittoriosa.

(3) Id-dar bin-numru 125, Triq il-Ward, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Żabbar.

(4) Id-dar bin-numru 1, Misraħ il-Vitorja, (qabel fi Sqaq Nru. 6), Naxxar (Part of Rural Tenement No. 83117).

(5) Id-dar bin-numru 153, Triq Salvu Psaila, Birkirkara (Rural Tenement No. 82086).

(6) Id-dar bin-numru 50, Mogħdija Żagħżigħa, Żejtun.

(7) Id-dar bin-numru 6, Sannat Road Terraced Houses Type 2, Victoria, Gozo (Rural Tenement No. 80040).

(8) Flat numru 25, Blokk Ċ, Qasam Ta' Ganza, Żejtun.

(9) Flat numru 4, Blokk F-5, Bieb B, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Mosta.

(10) Flat numru 1, Blokk A1, Triq il-Watar, Ta' Xbiex.

(11) Id-dar bin-numru 8, Type A, Triq il-Bjad, Naxxar.

(12) Id-dar bin-numru 102, Triq Salvu Azzopardi, Dingli.